SKOLA THERESA NUZZO

**EżAMIJIET TA' NOFS IS-SENA 2021**

| Marka totali |
|---|
| ______ 60 |

| | | |
|---|---|---|
| **Ir-raba' sena** | **MALTI KITBA**<br>**Karta tal-istudenti** | **Ħin: siegħa u kwart** |

**Isem:___________________________** **Klassi:___________**

| **Il-Marki** | |
|---|---|
| **Il-Fehem mill-Qari** | **Il-Kitba** |
| | |
| **30 marka** | **30 marka** |

**Aqra sew dan li ġej:**

- Ikteb ismek, kunjomok u **l-klassi**.
- Qabel tikteb **it-tweġiba, ifhem sewwa l-mistoqsija**.
- Jekk ma tkunx taf xi **tweġiba ħalliha vojta u kompli l-oħrajn. Imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar**.
- Jekk tieħu żball ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Qis li ma tħalli xejn barra.

**TAQSIMA A: Taħriġ il-Fehem**

**Aqra sewwa din is-silta.** ( 20 marka)

# Robin Hood u l-Foresta



Kulħadd jaf min kien Robin Hood, dak l-**eroj** Ingliż li kien jisraq lis-sinjur biex jagħti lill-fqir. Kien jgħix bil-moħbi ġol-foresta sakemm ir-re ġie lura mill-gwerra u ħelsu minn ħu r-re li kien qiegħed **jirrenja** minfloku b'mod ħażin. Imbagħad Robin Hood iżżewweġ lil Marianne u għexu kuntenti u ferħana fil-kastell mar-re t-tajjeb.

***(paragrafu 1)***

Wara ftit snin taż-żwieġ, Robin u Marianne kellhom żewġt itfal Robert u Sarah, li **trabbew** fil-kastell u ġol-villaġġ. Dawn it-tfal kienu tewmin. Kif kellhom ħames snin bdew imorru l-iskola u semgħu dwar *Sherwood Forest*, il-foresta fejn għal tant snin kien għex missierhom, u li kienet biss ftit 'il bogħod mill-villaġġ. ***(paragrafu 2)***

Kif marru lura d-dar, it-tfal talbu lill-ġenituri tagħhom biex imorru jaraw il-foresta u l-annimali ta' ġo fiha. Kemm xtaqu jaraw iċ-ċriev jew xi volpi! Għalhekk, Robin u Marianne ddeċidew li l-Ħadd ta' wara jmorru ġurnata fil-forest mat-tfal. Lestew xi ikel u xorb ġo basket u bdew mexjin lejn il-foresta. Robin u Marianne bdew jirrakkontaw lit-tewmin ħafna stejjer dwar il-ħajja sabiħa li kellhom fil-foresta fil-**passat**. ***(paragrafu 3)***

Imma meta waslu fil-foresta raw li l-affarijiet kienu nbidlu..... mit-tajjeb għall-ħażin! Kien hemm ħmieġ ma' kullimkien u ħafna siġar imkissrin. Insomma l-foresta kellha bżonn l-

għajnuna! Robin iddeċieda li kien reġa' wasal iż-żmien li **jieħu azzjoni** – din id-darba mhux biex jgħin lill-fqar imma biex jgħin lill-ambjent. ***(paragrafu 4)***



**A. Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba***.* *(7 marki)*

1. Robin Hood kien (sultan, eroj) Ingliż.
2. Robin u Maid Marianne kellhom (tliet, żewġt) itfal.
3. Robin Hood u l-familja tiegħu kienu jgħixu ġol-(belt, kastell).
4. It-tfal ta' Robin kienu (aħwa, tewmin).
5. Robert u Sarah xtaqu jżuru (l-villaġġ, *Sherwood Forest*).
6. Fil-foresta kien hemm (l-annimali, il-mostri).
7. Wara xi żmien, Robin Hood reġà żar il-foresta u ried jgħin lill-(ambjent, fqar).

**B. Wieġeb dawn il-mistqosijiet B'SENTENZI SĦAĦ.** *(2 x 5 = 10 marki)*

6. Għaliex Robin Hood kien eroj? *(par. 1)*

7. Kif saru jafu dwar *Sherwood Forest,* Robert u Sarah? *(par. 2)*

8. Meta ddeċidew li jerġgħu jżuru l-foresta Robin u *Marianne*? *(par. 3)*

9. Għaliex il-foresta kienet differenti? *(par. 4)*

10. X'iddeċieda li jagħmel Robin Hood? (*par. 4*)



**Ċ. Ikteb it-tifsira li taqbel mal-kelma/frażi mogħtija billi tagħżel minn dawk ta' taħt din it-tabella.** *(5 marki)*

| Frażi | Tifsira |
|---|---|
| 11. jirrenja (par. 1) | |
| 12. jieħu azzjoni (par. 4) | |
| 13. trabbew ( par. 2) | |
| 14. passat (par. 3) | |
| 15. eroj (par. 1) | |

qalbieni u kuraġġuż

għexu

fl-imgħoddi

jagħmel xi ħaġa

sultan

imexxi/jikkmanda

**Taqsima B: GRAMMATIKA** *(8 marki)*

***Aqra dawn is-sentenzi u wara wieġeb il-mistoqsijiet. L-ewwel waħda hija lesta.***

Robin u Marianne ħasbu ftit u ddeċidew li joħolqu "Jum il-Foresta", il-Ħadd ta' wara. Lit-tfal tal-villaġġ kollu tawhom żerriegħa ta' diversi siġar biex iħawluhom f'xi bott, isaqquhom u jieħdu ħsiebhom, ħalli sena wara jħawluhom fil-foresta.

| | | |
|---|---|---|
| a. | Mis-sentenzi sib u ikteb **nom komuni**. | |
| b. | Mis-sentenzi sib u ikteb **nom proprju**. | |
| ċ. | Mis-sentenzi sib u ikteb il-**pronom mehmuż** ta' **jħawlu lilhom**. | |
| d. | Ikteb is-**singular** ta' **siġar**. | |
| e. | Ikteb il-**plural** ta' **bott**. | |
| f. | Ikteb **aġġettiv** li jista' jiddeskrivi l-**foresta**. | |
| ġ. | Mis-sentenzi sib **jum tal-ġimgħa.** | |
| g. | Mis-sentenzi sib l-**oppost** ta' **qabel**. | |

**TAQSIMA Ċ: Il-Kitba**

**1. Ikteb lista ta' għaxar affarijiet li jagħmluk ferħan/a.** (*10 marki)*



1. ____________________________________________
2. ____________________________________________
3. ____________________________________________
4. ____________________________________________
5. ____________________________________________
6. ____________________________________________
7. ____________________________________________
8. ____________________________________________
9. ____________________________________________
10. ____________________________________________

**2. Agħżel WIEĦED minn dawn u b'Malti sabiħ u tajjeb, ikteb paragrafu ta' mhux inqas minn 70 kelma. Aqra l-kliem mogħti fil-parentesi sabiex jgħinek tikteb.** *(18-il marka)*

**a.** *Kitba realistika* **- Ġurnata man-nanniet**

(*Iddeskrivi din il-ġurnata. Meta kienet din il-ġurnata? Għaliex mort għand in-nanniet? Kif qattajtha l-ġurnata tiegħek? Għamilt xi ħaġa speċjali man-nanniet? Ħadt gost għandhom? Tixtieq terġa' tqatta' ġurnata għandhom? Għaliex?*)



**b.** *Kitba fittizja* **– L-ixkupa maġika**

*(Fejn sibtha? Ma' min kont? X'għamiltu? X'kellha speċjali? X'ġara? Kif spiċċat l-istorja?)*



Uża dan l-ispazju biex tikteb xi ideat sabiex tippjana l-istorja tiegħek. (2 marki)

Ikteb it-titlu li għażilt: ____________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

--------------- TMIEM --------------

| | | |
|---|---|---|
| Ideat | 5 | |
| Grammatika | 5 | |
| Vokabularju | 4 | |
| Punteġġjatura | 4 | |
| **Total** | | |